


Mitt Sena Ilu:

# L-arloġġ tal-knisja ż-żgħira ta' San Bastjan u l-aħwa arluġġara Suban

kitba ta' Dr Joseph F. Grima

Mitt sena ilu, f'Ottubru 1905, fl-istampa lokali deher dan l-artikolett:

"Fil-Librerija Pubblika hemm għall-wiri l-arloġġ destinat għall-Knisja ta' San Sebastjan f'Ħal Luqa.[1] Inħadem mill-aħwa s-sinjuri Suban tal-Birgu, magħmul fil-bronż u l-azzar u jifforma opra artistika li tassew tagħmel ġieħ liż-żewġ artisti li sawwruh u li huma żgħażagħ ta' ħila mhux komuni u wlied artist magħruf. S'issa baqgħu mingħajr l-għarfien tal-pubbliku, iżda dan ix-xogħol tagħhom hu ta' mertu kbir għalihom, u ma jistax ma jagħtihomx pubbliċita', u allura t-tama li jingħataw dak l-inkoraġġiment li jistħoqqilhom. Il-gvern b'mod partikolari hu marbut li jagħmlilhom il-qalb

u, minflok ma jikkommissjona l-arloġġi mill-esteru kull darba li jkollu bżonn, kif ġara s'issa, u meta l-arloġġi pubbliċi jiġu bżonn it-tiswijiet, imissu jirrikorri lejn ix-xogħol ta' dawn il-bravi artisti li jafhom sew l-Onorevoli Supretendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li tiegħu huma kompajżani."[2]

Mela din il-kitba turina biċ-ċar li l-arloġġ tal-Knisja ż-żgħira ta' San Sebastjan inħadem eżattament seklu ilu mill-aħwa arluġġara Suban. Ma nafux id-data preċiża meta l-arloġġ tqiegħed fil-post u beda jaħdem, iżda ittra fl-istampa lokali turi bla ebda dubju li kien f'postu almenu sa l-aħħar tas-sena 1905 u li ħallsu għalih in-nies li kienu joqogħdu qrib il-knisja. Nikkwotaw il-parti relevanti ta' l-ittra li tgħid hekk: "... ngħarraf lill-pubbliku kemm huma tassew kapaċi għas-sengħa, l-aħwa Suban tal-Birgu, għall-eżattezza kbira li urew fl-arloġġ li għamlu għall-knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi, li mill-ewwel tas-sena sal-ġurnata tal-lum għadu ma varjax nofs minuta kif nispera li jkompli ... Jimmerita prosit ukoll lil dawk il-benefatturi ta' ma' ġenb il-knisja li tant impenjaw sabiex issir din is-sabiħa opra."[3]

**Il-Familja Suban**

L-ewwel Suban li ġie joqgħod Malta kien Andrea li wasal fl-1843 mit-Tirol tas-Sud,[4] x'aktarx minħabba li t-tensjonijiet f'dar-reġjun f'dak iż-żmien tar-Risorgimento Taljan ma tantx ħalla lok ta' wisq xogħol għall-arluġġara. Mill-banda l-oħra, jidher li f'Malta kien hawn xogħol tajjeb għas-sengħa ta' l-arluġġar.[5] Fl-1849, Andrea żżewweġ lil Rosaria Saliba mill-Birgu; l-ewwel kellhom ħamest ibniet u, warajhom, it-tewmin subien Giuseppe u Lorenzo li twieldu fl-1859. Andrea, li qatt ma stgħana, miet fl-1874 meta t-tewmin kellhom biss 15-il sena.

Iżda minkejja l-eta' żgħażugħa tagħhom, l-aħwa tewmin jidhru li kienu assorbew sew ir-sengħa ta' missierhom kif jixhdu tant tajjeb dan il-fatt: f'mewtu, Andrea kien qed jimmodifika arloġġ kbir ta' l-ammiraljat biex jibda juri l-ħin fuq tliet uċuħ. Dan l-arloġġ kien diġa' żarmat u żmantellat meta miet Andrea iżda t-tewmin komplew u temmew b'suċċess ix-xogħol kollu meħtieġ, u dan għas-sodisfazzjon ta' l-ammiraljat. Dan is-suċċess wassal biex Lorenzo u Giuseppe ngħataw ix-xogħol tat-tiswijiet u l-manutenzjoni ta' l-arloġġi kollha tat-tarzna u tat-Torri tal-Birgu, flimkien ma' ittra ta' tifħir mill-Gvernatur ta' Malta Sir Charles van Straubenzee. Din l-ewwel ħidma "indipendenti" tagħhom kienet it-twelid tad-ditta ta' l-aħwa Suban tal-Birgu li x-xogħol tagħhom ma kienx biss fl-arloġġi iżda wkoll fi strumenti oħrajn li kienu jirrikjedu preċiżjoni



Guiseppe Suban (1859-1937)

bħalma kienu l-kronometri, l-barometri, s-sestanti (sextants), teleskopji u strumenti oħrajn optiċi. Kienu jaħdmu wkoll fuq strumenti ta' l-elettriku bħalma kienu muturi u trasformaturi (transformers).

Fl-1887, Lorenzo żżewwġ lil Lorenza Quirolo mill-Birgu u kellhom seba' wlied. Ġiuseppe żżewwġ ukoll, lill-armla Vincenza Grech, iżda ma kellhomx tfal. Fil-fatt, Giuseppe kien jitqies bħala l-aktar wieħed, miż-żewġ aħwa, li kellu intelliġenza mhux komuni fil-mestier tagħhom. Kellu interess qawwi wkoll f'diversi oqsma oħra bħalma kienu l-fotografija, il-matematika, l-astronomija u l-inġinerija elettrika fil-forom kollha tagħha. Iddisinja dgħajjes għat-tlielaq u jingħad li ħadem l-ewwel power boat. Jingħad ukoll li kien Giuseppe li daħħal l-użu tas-sfafar fil-logħob tan-nar.


Lorenzo Suban (1859-1924)

Fl-1910, l-aħwa Suban ħadu l-ħanut tagħhom f'bini akbar, dejjem fil-Birgu. Hawnhekk installaw makkinarju għal xogħol ta' preċiżjoni li ma setgħux ikollhom fil-ħanut iżgħar li kellhom qabel. Setgħu għalhekk joħolqu arloġġi u mekkaniżmi akbar u aħjar. Fil-fatt, arloġġ ta' l-aħwa Suban kien esibit fil-Wirja ta' l-Imperu Brittaniku f'Wembley, Londra, fl-1924 u rebbaħhom ċertifikat ta' mertu u medalja tad-deheb.

Fil-qasam ta' arloġġi kbar, jew aħjar tower clocks, hu magħruf li l-aħwa Suban ħadmu almenu dawn li ġejjin: ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi fl-1905 (li nħadem fil-ħanut l-antik); tal-Qala f'Għawdex fl-1924; ta' Ħal Safi fl-1926; ta' l-Istitut ta' San Ġużepp f'Santa Venera fl-1929; u tal-Knisja Parrokkjali ta' Marsaxlokk fl-1936.[6] Sadattant, Lorenzo miet fl-1924 iżda ibnu Raffaele baqa' fil-mestier ma' zijuh Giuseppe sakemm dan miet fl-1937. Minkejja li fl-1940 lil Raffaele nqeridlu l-ħanut u kull ma kien fih, riżultat tal-ħidma ta' l-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija, baqa' jsewwi l-arloġġi sal-1952, fejn ħuh Joseph kien jgħinu l-aktar f'arloġġi li jaħdmu bil-batterija.[7]

1 Dan hu żball. Il-kittieb kien qed jalludi għal Ħal Qormi. F'Ħal Luqa qatt ma kien hemm knisja ddedikata lil San Bastjan.

2 *Malta*, 18.x.1905, traduzzjoni libera mit-Taljan. Ħajr lis-sur V. Peresso għal din ir-referenza.

3 *Malta Tagħna*, 02.vi.1906. Il-kwotazzjoni hi ċċitata f'Malti modern. Hi ffirmata C.V. u ddatata 29 ta' Mejju 1906. Ħajr lis-Sur V. Peresso għal din ir-referenza.

4 Arkivju Arċiveskovili, Floriana (AAF), Stati Liberi 1849, N.ru 219.

5 G. Bonello, "Footnotes for a History of time-Keeping in Malta," *Antique Maltese Clocks*, editur J. Manduca, Malta 1992, p. 28.

6 Jingħad li l-arloġġi tal-Knisja tal-Marsa (Trinita' Qaddisa) u tal-Kappella taċ-Cimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid huma wkoll xogħlijiet ta' l-aħwa Suban.

7 Dan it-tagħrif ittieħed minn L. Suban, "Three Generations of Clock-Makers of Renown", *Treasures of Malta*, Vol. XI No. 2, Easter 2005, pp. 67-70, fejn hemm aktar tagħrif u dettalji dwar il-familja Suban. Tagħrif leġġer ieħor, għalkemm mhux dejjem eżatt fid-datazzjoni, jinstab f'L. Zahra, "L-Arluġġar Suban", In-Nazzjon Tagħna, 29.iv.1988.